38.	Siarhei Aliakseevich KALINOUSKI Sergey Alexeyevich KALINOVSKIY	Сяргей Аляксеевіч КАЛІНОЎСКІ Сергей Алексеевич КАЛИНОВСКИЙ	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 3.1.1969 Sess: raġel	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
39.	Sviatlana Piatrouna KATSUBA Svetlana Petrovna KATSUBO	Святлана Пятроўна КАЦУБА Светлана Петровна КАЦУБО	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 6.8.1959 Post tat-twelid: Podilsk, Reġjun/Oblast ta' Odessa, eks Unjoni Sovjetika (issa l-Ukrajna) Sess: mara	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
40.	Aliaksandr Mikhailavich LASYAKIN Alexander (Alexandr) Mikhailovich LOSYAKIN	Аляксандр Міхайлавіч ЛАСЯКІН Александр Михайлович ЛОСЯКИН	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 21.7.1957 Sess: raġel	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
41.	Igar Anatolievich PLYSHEUSKI Ihor Anatolievich PLYSHEVSKIY	Ігар Анатольевіч ПЛЫШЭЎСКІ Игорь Анатольевич ПЛЫШЕВСКИЙ	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 19.2.1979 Post tat-twelid: Lyuban, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
42.	Marina Yureuna RAKHMANAVA Marina Yurievna RAKHMANOVA	Марына Юр'еўна РАХМАНАВА Марина Юрьевна РАХМАНОВА	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 26.9.1970 Sess: mara	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
43.	Aleh Leanidavich SLIZHEUSKI Oleg Leonidovich SLIZHEVSKI	Алег Леанідавіч СЛІЖЭЎСКІ Олег Леонидович СЛИЖЕВСКИЙ	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 16.8.1972 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, huwa responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020

▼M18

	Ismijiet (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
44.	Irina Aliaksandrauna TSELIKAVETS Irina Alexandrovna TSELIKOVEC	Ірына Аляксандраўна ЦЭЛІКАВЕЦ Ирина Александровна ЦЕЛИКОВЕЦ	Posizzjoni(jiet): Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) Data tat-twelid: 2.11.1976 Post tat-twelid: Zhlobin, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: mara	Bħala membru tal-kulleġġ tas-CEC, hija responsabbli għall-irregolarità, min-naħa tas-CEC, tal-proċess elettorali presidenzjali tal-2020, in-nonkonformità tagħha mal-istandards internazzjonali bażiċi tal-ġustizzja u t-trasparenza u l-falsifikazzjoni, min-naħa tagħha, tar-riżultati tal-elezzjoni. B'mod partikolari, is-CEC u l-kulleġġ tagħha organizzaw l-esklużjoni ta' ċerti kandidati tal-oppożizzjoni abbażi ta' raġunijiet foloz u għamlu restrizzjonijiet sproporzjonati fuq l-osservaturi fil-postijiet tal-votazzjoni. Is-CEC aċċertat ukoll li l-kompożizzjoni tal-kummissjonijiet elettorali taħt is-superviżjoni tagħha tkun żbilanċjata.	2.10.2020
45.	Aliaksandr Ryhoravich LUKASHENKA Alexander (Alexandr) Grigorievich LUKASHENKO	Аляксандр Рыгоравіч ЛУКАШЭНКА Александр Григорьевич ЛУКАШЕНКО	Posizzjoni(jiet): President tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 30.8.1954 Post tat-twelid: Kopys settlement, Reġjun/Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Bħala l-President tal-Belarussja b'awtorità fuq il-korpi statali, huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti mwettqa mill-apparat tal-Istat qabel u wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari l-esklużjoni ta' kandidati ewlenin tal-oppożizzjoni, arresti arbitrarji u l-maltrattament ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.	6.11.2020
▼M27 46.	Viktar Aliaksandravich LUKASHENKA Viktor Aleksandrovich LUKASHENKO	Віктар Аляксандравіч ЛУКАШЭНКА Виктор Александрович ЛУКАШЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Eks Konsulent tal-President dwar is-Sigurtà Nazzjonali, Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà President tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali tal-Belarussja Data tat-Twelid: 28.11.1975 Post tat-twelid: Mahiliou/Mogilev (eks Unjoni Sovjetika, issa Belarussja) Sess: raġel Identità Personali: 3281175A014PB8	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala Konsulent tal-President dwar is-Sigurtà Nazzjonali u Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, kif ukoll il-pożizzjoni superviżorja informali tiegħu fuq il-forzi tas-sigurtà tal-Belarussja, huwa kien u għadu responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-President tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali. F'din il-pożizzjoni, li nħatar għaliha fis-26 ta' Frar 2021, huwa responsabbli għat-trattament ħażin mill-uffiċjali tal-NOC tal-atleta Krystsina Tsimanouskaya matul l-Olimpjadi tas-Sajf tal-2020 f'Tokyo.	6.11.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
47.	Ihar Piatrovich SERGYAENKA Igor Petrovich SERGEENKO	Ігар Пятровіч СЕРГЯЕНКА Игорь Петрович СЕРГЕЕНКО	Posizzjoni(jiet): Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Data tat-twelid: 14.1.1963 Post tat-twelid: Il-villaġġ ta' Stolitsa fir-Reġjun/l-Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk (eks Unjoni Sovjetika, issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, huwa assoċjat mill-qrib mal-President u responsabbli milli tiġi żgurata l-implimentazzjoni tas-setgħat presidenzjali fil-qasam tal-politika domestika u barranija. Għaldaqstant qiegħed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka, inkluż fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020.	6.11.2020
48.	Ivan Stanislavavich TERTEL Ivan Stanislavovich TERTEL	Іван Станіслававіч ТЭРТЭЛЬ Иван Станиславович ТЕРТЕЛЬ	Posizzjoni(jiet): President tal-Kumitat tas-Sigurtà Statali (KGB), eks President tal-Kumitat ta' Kontroll Statali Data tat-twelid: 8.9.1966 Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Privalka/Privalki fir-Reġjun/l-Oblast ta' Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala President tal-Kumitat tas-Sigurtà Statali (KGB) u fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu bħala l-President tal-Kumitat ta' Kontroll Statali, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti.	6.11.2020
▼M27 49.	Raman Ivanavich MELNIK Roman Ivanovich MELNIK	Раман Іванавіч МЕЛЬНІК Роман Иванович МЕЛЬНИК	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Kap tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Leninsky ta' Minsk Data tat-Twelid: 29.5.1964 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Protezzjoni tal-Ordni Pubbliku u l-Prevenzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Kap tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Leninsky ta' Minsk.	6.11.2020
50.	Ivan Danilavich NASKEVICH Ivan Danilovich NOSKEVICH	Іван Данілавіч НАСКЕВІЧ Иван Данилович НОСКЕВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Eks President tal-Kumitat Investigattiv Membru tar-riżerva tal-Kumitat Investigattiv Data tat-Twelid: 25.3.1970 Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Cierabličy fir-Reġjun/l-Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika, (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-President tal-Kumitat Investigattiv, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija minn dak il-Kumitat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, partikolarment minħabba l-investigazzjonijiet mibdija kontra l-Kunsill ta' Koordinazzjoni u kontra d-dimostranti paċifiċi. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala membru tar-riżerva tal-Kumitat Investigattiv.	6.11.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
51.	Aliaksey Aliaksandravich VOLKAU Alexei Alexandrovich VOLKOV	Аляксей Аляксандравіч ВОЛКАЎ Алексей Александрович ВОЛКОВ	Posizzjoni(jiet): Eks l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat Investigattiv, attwalment President tal-Kumitat tal-Istat għall-Għarfien Espert fil-Forensika Data tat-twelid: 7.9.1973 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' tmexxija bħala l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat Investigattiv, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-Kumitat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, partikolarment minħabba l-investigazzjonijiet li nbdew kontra l-Kunsill ta' Koordinazzjoni u kontra d-dimostranti paċifiċi.	6.11.2020
52.	Siarhei Yakaulevich AZEMSHA Sergei Yakovlevich AZEMSHA	Сяргей Якаўлевіч АЗЕМША Сергей Яковлевич АЗЕМША	Posizzjoni(jiet): Viċi President tal-Kumitat Investi-gattiv Data tat-twelid: 17.7.1974 Post tat-twelid: Rechitsa, Reġjun/Oblast ta' Gomel/ Homyel, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala l-Viċi President tal-Kumitat Investigattiv, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-Kumitat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, partikolarment minħabba l-investigazzjonijiet li nbdew kontra l-Kunsill ta' Koordinazzjoni u kontra d-dimostranti paċifiċi.	6.11.2020
▼M27 53.	Andrei Fiodaravich SMAL Andrei Fyodorovich SMAL	Андрэй Фёдаравіч СМАЛЬ Андрей Федорович СМАЛЬ	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi President tal-Kumitat Investigattiv Data tat-Twelid: 1.8.1973 Post tat-twelid: Brest, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala l-Viċi President tal-Kumitat Investigattiv, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-Kumitat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, partikolarment minħabba l-investigazzjonijiet mibdija kontra l-Kunsill ta' Koordinazzjoni u kontra d-dimostranti paċifiċi.	6.11.2020
▼M18 54.	Andrei Yurevich PAULIUCHENKA Andrei Yurevich PAVLYUCHENKO	Андрэй Юр'евіч ПАЎЛЮЧЕНКА Андрей Юрьевич ПАВЛЮЧЕНКО	Posizzjoni(jiet): Kap taċ-Ċentru Operazzjonali-Analitiku Data tat-twelid: 1.8.1971 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala l-Kap taċ-Ċentru Operazzjonali-Analitiku, huwa assoċjat mill-qrib mal-President u responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari billi xekkel il-konnessjoni man-networks tat-telekomunikazzjoni bħala għodda ta' repressjoni tas-soċjetà ċivili, tad-dimostranti paċifiċi u tal-ġurnalisti.	6.11.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
55.	Ihar Ivanavich BUZOUSKI Igor Ivanovich BUZOVSKI	Ігар Іванавіч БУЗОЎСКІ Игорь Иванович БУЗОВСКИЙ	Posizzjoni(jiet): Viċi Ministru għall-Informazzjoni Data tat-Twelid: 10.7.1972 Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Koshelevo Reġjun/ Oblast ta' Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Ministru għall-Informazzjoni, huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili, partikolarment bid-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Informazzjoni li jwaqqaf l-aċċess għal siti web indipendenti u jillimita l-aċċess għall-Internet fil-Belarussja wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, bħala għodda ta' repressjoni tas-soċjetà ċivili, tad-dimostranti paċifiċi u tal-ġurnalisti.	6.11.2020
56.	Natallia Mikalaeuna EISMANT Natalia Nikolayevna EISMONT	Наталля Мікалаеўна ЭЙСМАНТ Наталья Николаевна ЭЙСМОНТ	Posizzjoni(jiet): Segretarju tal-Istampa tal-President tal-Belarussja Data tat-twelid: 16.2.1984 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Kunjom ta' xebba: Kirsanova (Ortografija Russa: Кирсанова) jew Selyun (Ortografija Russa: Селюн) Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Segretarju tal-Istampa tal-President tal-Belarussja, hija assoċjata mill-qrib mal-President u hija responsabbli mill-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-media tal-President, fosthom l-abbozzar ta' stqarrijiet u l-organizzazzjoni ta' dehriet pubbliċi. Għaldaqstant qed tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka, inkluż fil-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. B'mod partikolari, bl-istqarrijiet pubbliċi tagħha fejn iddefendiet lill-President u kkritikat l-attivisti tal-oppożizzjoni kif ukoll id-dimostranti paċifiċi, li għamlet wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, ikkontribwiet biex jiddgħajfu serjament id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	6.11.2020
57.	Siarhei Yaugenavich ZUBKOU Sergei Yevgenevich ZUBKOV	Сяргей Яўгенавіч ЗУБКОЎ Сергей Евгеньевич ЗУБКОВ	Posizzjoni(jiet): Kmandant tal-Unità Alfa Data tat-twelid: 21.8.1975 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' kmand tiegħu fuq il-forzi tal-Unità Alfa, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni li twettqet minn dawk il-forzi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti.	6.11.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
58.	Andrei Aliakseevich RAUKOU Andrei Alexeyevich RAVKOV	Андрэй Аляксеевіч РАЎКОЎ Андрей Алексеевич РАВКОВ	Posizzjoni(jiet): Eks Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà Ambaxxatur tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Ażerbajġan Data tat-twelid: 25.6.1967 Post tat-twelid: il-villaġġ ta' Revyaki, Reġjun/Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Segretarju tal-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà, huwa kien assoċjat mill-qrib mal-President u huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni li twettqet mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll l-intimidazzjoni u l-vjolenza fuq il-ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala ambaxxatur tal-Belarussja għall-Ażerbajġan.	6.11.2020
59.	Pyotr Piatrovich MIKLASHEVICH Petr Petrovich MIKLASHEVICH	Пётр Пятровіч МІКЛАШЭВІЧ Петр Петрович МИКЛАШЕВИЧ	Posizzjoni(jiet): President tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 18.10.1954 Post tat-twelid: Reġjun/Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Bħala l-President tal-Qorti Kostituzzjonali, huwa responsabbli għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali adottata fil-25 ta' Awwissu 2020, li permezz tagħha ġew leġittimizzati r-riżultati tal-elezzjonijiet frodulenti. Għaldaqstant appoġġa u ffaċilita azzjonijiet ta' kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mill-apparat tal-Istat kontra dimostranti paċifiċi u ġurnalisti u huwa għaldaqstant responsabbli għad-dgħajfien serju tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	6.11.2020
60.	Anatol Aliaksandravich SIVAK Anatoli Alexandrovich SIVAK	Анатоль Аляксандравіч СІВАК Анатолий Александрович СИВАК	Posizzjoni(jiet): Viċi Prim Ministru; eks President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 19.7.1962 Post tat-twelid: Zavoit, Distrett ta' Narovlya, Reġjun/Oblast ta' Gomel/Homyel, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-kapaċità ta' tmexxija preċedenti tiegħu bħala President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat lokali f'Minsk taħt is-sorveljanza tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa għamel bosta dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom ikkritika l-protesti paċifiċi li kienu qed iseħħu fil-Belarussja. Fil-pożizzjoni ta' tmexxija attwali tiegħu bħala Viċi Prim Ministru huwa jkompli jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
61.	Ivan Mikhailavich EISMANT Ivan Mikhailovich EISMONT	Іван Міхайлавіч ЭЙСМАНТ Иван Михайлович ЭЙСМОНТ	Posizzjoni(jiet): President tal-Kumpannija Nazzjonali tat-Televiżjoni u tar-Radju tal-Istat, Kap tal-Kumpannija Belteleradio Data tat-twelid: 20.1.1977 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni attwali tiegħu bħala l-Kap tal-Kumpannija tat-Televiżjoni u tar-Radju tal-Istat tal-Belarussja, huwa responsabbli għat-tixrid tal-propaganda tal-istat fil-media pubblika u jkompli jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka. Dan jinkludi l-użu ta' mezzi tal-media biex tiġi appoġġata l-kontinwazzjoni tal-mandat tal-President, minkejja l-elezzjonijiet presidenzjali frawdolenti li saru fid-9 ta' Awwissu 2020, u r-repressjoni vjolenti sussegwenti u ripetuta fuq protesti paċifiċi u leġittimi. Eismont għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom kkritika tad-dimostranti paċifiċi u rrifjuta li jipprovdi rappurtaġġ mill-mezzi tax-xandir tal-protesti. Taħt it-tmexxija tiegħu, huwa keċċa wkoll lill-impjegati tal-Kumpannija Belteleradio li ħadu sehem fi strajk, u b'hekk huwa responsabbli għal ksur ta' drittijiet tal-bniedem.	17.12.2020
62.	Uladzimir Stsiapanavich KARANIK Vladimir Stepanovich KARANIK	Уладзімір Сцяпанавіч КАРАНІК Владимир Степанович КАРАНИК	Posizzjoni(jiet): Gvernatur tar-Reġjun/l-Oblast ta' Grodno/Hrodna; eks Ministru għall-Kura tas-Saħħa Data tat-twelid: 30.11.1973 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-kapaċità ta' tmexxija preċedenti tiegħu bħala l-Ministru għall-Kura tas-Saħħa, huwa kien responsabbli għall-użu tas-servizzi tal-kura tas-saħħa għar-repressjoni tad-dimostranti paċifiċi, inkluż bl-użu ta' ambulanzi biex jittrasportaw lil dimostranti li kienu jeħtieġu assistenza medika lejn swali ta' iżolament, minflok lejn sptarijiet. Huwa għamel bosta dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom ikkritika l-protesti paċifiċi li kienu qed iseħħu fil-Belarussja, u darba minnhom akkuża lil dimostrant li kien qiegħed taħt l-influwenza tax-xorb jew tad-drogi. Fil-pożizzjoni ta' tmexxija attwali tiegħu bħala l-Gvernatur tar-Reġjun/l-Oblast ta' Grodno/Hrodna huwa jkompli jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
63.	Natallia Ivanauna KACHANAVA Natalia Ivanovna KOCHANOVA	Наталля Іванаўна КАЧАНАВА Наталья Ивановна КОЧАНОВА	Posizzjoni(jiet): President tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tal-Belarussja Data tat-twelid: 25.9.1960 Post tat-twelid: Polotsk, Reġjun/Oblast ta' Vitebsk/ Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: mara	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija attwali tagħha bħala President tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tal-Belarussja, hija responsabbli talli appoġġat id-deċiżjonijiet tal-President fil-qasam tal-politika domestika. Hija wkoll responsabbli għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet frawdolenti li saru fid-9 ta' Awwissu 2020. Hija għamlet dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom iddefendiet ir-repressjoni brutali tal-apparat tas-sigurtà fuq dimostranti paċifiċi.	17.12.2020
64.	Pavel Mikalaevich LIOHKI Pavel Nikolaevich LIOHKI	Павел Мікалаевіч ЛЁГКІ Павел Николаевич ЛЁГКИЙ	Posizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi Ministru għall-Informazzjoni Data tat-twelid: 30.5.1972 Post tat-twelid: Baranavichy, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Ministru għall-Informazzjoni, huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari għad-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Informazzjoni li jitwaqqaf l-aċċess għal siti web indipendenti u jillimita l-aċċess għall-internet fil-Belarussja wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, bħala għodda ta' repressjoni tas-soċjetà ċivili, tad-dimostranti paċifiċi u tal-ġurnalisti.	17.12.2020
65.	Ihar Uladzimiravich LUTSKY Igor Vladimirovich LUTSKY	Ігар Уладзіміравіч ЛУЦКІ Игорь Владимирович ЛУЦКИЙ	Posizzjoni(jiet): Ministru għall-Informazzjoni Data tat-twelid: 31.10.1972 Post tat-twelid: Stolin, Reġjun/Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Ministru għall-Informazzjoni, huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikolari għad-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Informazzjoni li jitwaqqaf l-aċċess għal siti web indipendenti u jillimita l-aċċess għall-internet fil-Belarussja wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, bħala għodda ta' repressjoni tas-soċjetà ċivili, tad-dimostranti paċifiċi u tal-ġurnalisti.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
66.	Andrei Ivanavich SHVED Andrei Ivanovich SHVED	Андрэй Іванавіч ШВЕД Андрей Иванович ШВЕД	Posizzjoni(jiet): Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 21.4.1973 Post tat-twelid: Glushkovichi, Reġjun/Oblast ta' Gomel/Homyel, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Prosekutur Ġenerali, huwa responsabbli għar-repressjoni li għaddejja tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, b'mod partikolari għat-tnedija ta' bosta proċedimenti kriminali kontra dimostranti paċifiċi, mexxejja tal-oppożizzjoni u ġurnalisti wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020. Huwa għamel ukoll dikjarazzjonijiet pubbliċi li fihom hedded lil dawk li ppartekipaw f"manifestazzjonijiet mhux awtorizzati' b'kastig.	17.12.2020
67.	Genadz Andreevich BOGDAN Gennady Andreievich BOGDAN	Генадзь Андрэевіч БОГДАН Геннадий Андреевич БОГДАН	Posizzjoni(jiet): Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate Data tat-twelid: 8.1.1977 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tal-Belarus President Property Management Directorate, huwa jissorvelja l-funzjonament ta' bosta intrapriżi. Il-korp taħt it-tmexxija tiegħu jipprovdi appoġġ finanzjarju, materjali u tekniku, soċjali, domestiku u mediku lill-apparat tal-istat u l-awtoritajiet repubblikani. Huwa assoċjat mill-qrib mal-President u għadu jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	17.12.2020
68.	Ihar Paulavich BURMISTRAU Igor Pavlovich BURMISTROV	Ігар Паўлавіч БУРМІСТРАЎ Игорь Павлович БУРМИСТРОВ	Posizzjoni(jiet): Kap tal-Persunal u l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 30.9.1968 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kmandant tat-Truppi Interni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mit-Truppi Interni taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluża t-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
69.	Arciom Kanstantinavich DUNKA Artem Konstantinovich DUNKO	Арцём Канстанцінавіч ДУНЬКА Артем Константинович ДУНЬКО	Posizzjoni(jiet): Spettur Anzjan għal Kwistjonijiet Speċjali tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat Data tat-twelid: 8.6.1990 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Spettur Anzjan għal Kwistjonijiet Speċjali tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Finanzjarji tal-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat tal-Istat wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari investigazzjonijiet imnedija dwar il-mexxejja u l-attivisti tal-oppożizzjoni.	17.12.2020
▼M27 70.	Aleh Heorhievich KARAZIEI Oleg Georgevich KARAZEI	Алег Георгіевіч КАРАЗЕЙ Олег Георгиевич КАРАЗЕЙ	Pożizzjoni(jiet): Eks Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Professur assoċjat fl-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-Twelid: 1.1.1979 Post tat-twelid: Ir-Reġjun/l-Oblast ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Prevenzjoni tad-Dipartiment Ewlieni tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala professur assoċjat fl-Akkademja tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	17.12.2020
▼M18 71.	Dzmitry Aliaksandravich KURYAN Dmitry Alexandrovich KURYAN	Дзмітрый Аляксандравіч КУРЯН Дмитрий Александрович КУРЯН	Posizzjoni(jiet): Kurunell tal-Pulizija, Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni u Kap tad-Dipartiment tal-Infurzar tal-Liġi fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 3.10.1974 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Kurunell tal-Pulizija u Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni u Kap tad-Dipartiment tal-Infurzar tal-Liġi fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, tad-dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza fuq il-ġurnalisti.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
72.	Aliaksandr Henrykavich TURCHIN Alexander (Alexandr) Henrihovich TURCHIN	Аляксандр Генрыхавіч ТУРЧЫН Александр Генрихович ТУРЧИН	Posizzjoni(jiet): President tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk Data tat-twelid: 2.7.1975 Post tat-twelid: Novogrudok, Reġjun/Oblast ta' Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-President tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Minsk, huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-amministrazzjoni lokali, inkluż numru ta' kumitati. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	17.12.2020
73.	Dzmitry Mikalaevich SHUMILIN Dmitry Nikolayevich SHUMILIN	Дзмітрый Мікалаевіч ШУМІЛІН Дмитрий Николаевич ШУМИЛИН	Posizzjoni(jiet): Viċi Kap tad-dipartiment għall-avvenimenti tal-massa tal-GUVD (id-Dipartiment Ewlieni tal-Affarijiet Interni) tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 26.7.1977 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kap tad-dipartiment għall-avvenimenti tal-massa tal-GUVD tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-apparat lokali wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Huwa ddokumentat li qed jieħu sehem personalment fid-detenzjoni illegali ta' dimostranti paċifiċi.	17.12.2020
74.	Vital Ivanavich STASIUKEVICH Vitalyi Ivanovich STASIUKEVICH	Віталь Іванавіч СТАСЮКЕВІЧ Виталий Иванович СТАСЮКЕВИЧ	Posizzjoni(jiet): Viċi Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika fi Grodno/Hrodna Data tat-twelid: 5.3.1976 Post tat-twelid: Grodno/Hrodna, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika fi Grodno/Hrodna, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda huwa ssorvelja personalment id-detenzjoni illegali ta' dimostranti paċifiċi.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
75.	Siarhei Leanidavich KALINNIK Sergei Leonidovich KALINNIK	Сяргей Леанідавіч КАЛІННІК Сергей Леонидович КАЛИННИК	Posizzjoni(jiet): Kurunell tal-Pulizija, Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Sovetsky ta' Minsk Data tat-twelid: 23.7.1979 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Sovetsky ta' Minsk, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda huwa ssorvelja personalment u ħa sehem fit-tortura ta' dimostranti detenuti illegalment.	17.12.2020
76.	Vadzim Siarhaevich PRYGARA Vadim Sergeyevich PRIGARA	Вадзім Сяргеевіч ПРЫГАРА Вадим Сергеевич ПРИГАРА	Posizzjoni(jiet): Logutenent Kurunell tal-Pulizija, Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali f'Molodechno Data tat-twelid: 31.10.1980 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali f'Molodechno, huwa responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda, huwa ssorvelja personalment is-swat ta' dimostranti detenuti illegalment. Huwa għamel ukoll bosta dikjarazzjonijiet derogatorji dwar id-dimostranti lill-media.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M27					
77.	Viktar Ivanavich STANISLAUCHYK Viktor Ivanovich STANISLAVCHIK	Віктар Іванавіч СТАНІСЛАЎЧЫК Виктор Иванович СТАНИСЛАВЧИК	Pożizzjoni(jiet): Eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk, Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika L-ewwel Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Studji Avvanzati u Speċjalisti tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-Twelid: 27.1.1971 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni preċedenti ta' tmexxija tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Sovetsky ta' Minsk u Kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika, huwa kien responsabbli għall-kampanja ta' repressjoni u intimidazzjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija lokali taħt il-kmand tiegħu wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari arresti arbitrarji u t-trattament ħażin, inkluż it-tortura, ta' dimostranti paċifiċi kif ukoll intimidazzjoni u vjolenza kontra ġurnalisti. Skont ix-xhieda, huwa ssorvelja personalment id-detenzjoni ta' dimostranti paċifiċi u s-swat ta' dawk detenuti illegalment. Huwa jibqa' attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi kap taċ-Ċentru ta' Studji Avvanzati u Speċjalisti tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.	17.12.2020
▼M18					
78.	Aliaksandr Aliaksandravich PIETRASH Alexander (Alexandr) Alexandrovich PETRASH	Аляксандр Аляксандравіч ПЕТРАШ Александр Александрович ПЕТРАШ	Posizzjoni(jiet): President tal-qorti tad-distrett ta' Moskovski f'Minsk Data tat-twelid: 16.5.1988 Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala president tal-qorti tad-distrett ta' Moskovski f'Minsk, huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u dipendenza fuq dikjarazzjonijiet minn xhieda foloz. Huwa kien strumentali fl-immultar u d-detenzjoni ta' dimostranti, ġurnalisti u mexxejja tal-oppożizzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
79.	Andrei Aliaksandravich LAHUNOVICH Andrei Alexandrovich LAHUNOVICH	Андрэй Аляксандравіч ЛАГУНОВІЧ Андрей Александрович ЛАГУНОВИЧ	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Gomel/Homyel Sess: raġel	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Gomel/Homyel, huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
80.	Alena Vasileuna LITVINA Elena Vasilevna LITVINA	Алена Васільеўна ЛІТВІНА Елена Васильевна ЛИТВИНА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-qorti tad-distrett ta' Leninsky f'Mogilev Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Leninsky f'Mogilev, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Siarhei Tsikhanousky – attivist tal-oppożizzjoni u r-raġel tal-kandidat presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
81.	Victoria Valeryeuna SHABUNYA Victoria Valerevna SHABUNYA	Вікторыя Валер'еўна ШАБУНЯ Виктория Валерьевна ШАБУНЯ	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk Data tat-twelid: 27.2.1974 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Sergei Dylevsky - membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni u mexxej ta' kumitat tal-istrajk. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
82.	Alena Aliaksandravna ZHYVITSA Elena Alexandrovna ZHYVITSA	Алена Аляксандравна ЖЫВІЦА Елена Александровна ЖИВИЦА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk Data tat-twelid: 9.4.1990 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
83.	Natallia Anatolievna DZIADKOVA Natalia Anatolievna DEDKOVA	Наталля Анатольеўна ДЗЯДКОВА Наталья Анатольевна ДЕДКОВА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Partizanski f'Minsk Data tat-twelid: 2.12.1979 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Partizanski f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-mexxej tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni Mariya Kalesnikava. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
84.	Maryna Arkadzeuna FIODARAVA Marina Arkadievna FEDOROVA	Марына Аркадзьеўна ФЁДАРАВА Марина Аркадьевна ФЕДОРОВА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Minsk Data tat-twelid: 11.9.1965 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Sovetsky f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
85.	Yulia Chaslavauna HUSTYR Yulia Cheslavovna HUSTYR	Юлія Чаславаўна ГУСТЫР Юлия Чеславовна ГУСТЫР	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk Data tat-twelid: 14.1.1984 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ċentrali f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-kandidat presidenzjali tal-oppożizzjoni Viktar Babarika. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020
86.	Alena Tsimafeeuna NYAKRASAVA Elena Timofeyevna NEKRASOVA	Алена Цімафееўна НЯКРАСАВА Елена Тимофеевна НЕКРАСОВА	Posizzjoni(jiet): Imħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Zavodsky f'Minsk Data tat-twelid: 26.11.1974 Sess: mara	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-distrett ta' Zavodsky f'Minsk, hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn it-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M27					
87.	Aliaksandr Vasilevich SHAKUTSIN Aleksandr Vasilevich SHAKUTIN	Аляксандр Васільевіч ШАКУЦІН Александр Васильевич ШАКУТИН	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, president tal-bord tad-diretturi tal-impriża Amkodor Data tat-Twelid: 12.1.1959 Post tat-twelid: Bolshoe Babino, Orsha Rayon, Oblast ta' Vitebsk/Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (issa Belarussja) Sess: raġel	Huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, b'interessi kummerċjali fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-bini tal-magni, tal-agrikoltura u oħrajn. Huwa rrappurtat li huwa wieħed mill-persuni li bbenefikaw l-aktar mill-privatizzazzjoni matul il-mandat ta' Lukashenka bħala President. Huwa wkoll eks membru tal-presidju tal-assoċjazzjoni pubblika favur Lukashenka "Belaya Rus" u eks membru tal-Kunsill għall-Iżvilupp tal-Intraprenditorija fir-Repubblika tal-Belarussja. F'Lulju 2020 għamel kummenti pubbliċi li kkundannaw il-protesti tal-oppożizzjoni fil-Belarussja, u b'hekk appoġġa l-politika ta' repressjoni tar-reġim ta' Lukashenka lejn dimostranti paċifiċi, l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili. Huwa għad għandu interessi kummerċjali fil-Belarussja.	17.12.2020
88.	Mikalai Mikalaevich VARABEI/VERABEI Nikolay Nikolaevich VOROBEY	Мікалай Мікалаевіч ВАРАБЕЙ/ ВЕРАБЕЙ Николай Николаевич ВОРОБЕЙ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, koproprjetarju tal-Bremino Group Data tat-Twelid: 4.5.1963 Post tat-twelid: Repubblika Sovjetika Ukrena (issa Ukrajna) Sess: raġel	Huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja u kellu u għad għandu interessi kummerċjali fis-setturi taż-żejt, tat-tranżitu tal-faħam, tal-banek u oħrajn. Huwa l-koproprjetarju tal-Bremino Group – kumpannija li gawdiet minn ħelsien mit-taxxa u forom oħra ta' appoġġ mill-amministrazzjoni Belarussa. Il-kumpannija tiegħu BelKaz-Trans ingħatat dritt esklussiv li tittrasferixxi l-faħam fil-Belarussja. F'Diċembru 2020, huwa ttrasferixxa whud mill-assi tiegħu lill-assoċjati kummerċjali qrib tiegħu. Skont rapporti tal-media huwa għadu jikkontrolla l-kumpanniji Interservice and Oil Bitumen Plant. Huwa għad għandu attivitajiet kummerċjali mal-awtoritajiet fil-Belarussja u għadu jżomm relazzjonijiet mill-qrib magħhom u ta żewġ karozzi lussużi lil Lukashenka. Huwa għandu wkoll interessi kummerċjali fl-Ukrajna u r-Russja. Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	17.12.2020

▼M18

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Traż-litterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
▼M21					
89.	Natallia Mikhailauna BUHUK Natalia Mikhailovna BUGUK	Наталля Міхайлаўна БУГУК Наталья Михайловна БУГУК	Imħallef tal-qorti tad-distrett ta' Fruzensky f'Minsk Data tat-twelid: 19.12.1989 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Fruzensky f'Minsk, Natallia Buhuk hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Katsiaryna Bakhvalava (Andreyeva) u Darya Chultsova. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
